MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 324/2014

**Illum l-27 ta' Gunju, 2014.**

**Rikors Numru 324/2014 SM**

**Avv. Nicholas Valenzia (3181 M)**

**bhala mandatarju specjali tas-socjeta`**

**estera Xiamen Hailong Manning Services**

**Company Limited registrata c-Cina**

**vs**

**Il-Bastiment *'D. Ladybug'***

**(IMO 9472206)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-15 ta' April, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament espona is-segwenti:

1.1 Illi s-socjeta` estera fuq indikata toffri servizzi t'agenzija ghall-ingagg t'ekwipagg, fost affarijiet ohra relatati;

1.2 Illi l-bastiment intimat hu registrat il-Panama u hu propjeta` ta' socjeta` registrata t-Taiwan bl-isem *D Ladybug Corporation* u is-socjeta` *Taiwan Maritime Transportation Co. Ltd.* rispettivament;

1.3 Illi is-socjeta` rikorrenti dahlet *f'Manning Agency Agreement* u wara, *f'Supplementary Agreement* mas-socjeta` Taiwaniza fuq riferita bhala *managers* tal-bastiment *de quo,* u dan, fil-31 ta' Dicembru, 2006, u fl-1 ta' Jannar, 2011, rispettivament, ghall-provista ta' servizzi relatati mal-ingagg t'ekwipagg ghall-bastiment intimat;

1.4 Illi in vista tal-istess is-socjeta` rikorrenti ipprestat diversi servizzi relatati mall-ingagg tal-ekwipagg ghall-bastiment *de quo,* u irikorriet f'diversi spejjez;

1.5 Illi l-bastiment intimat allura hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma komplessiva ta' mitt elf, erba` mija disa`

u erbghin Ewro, erbgha u disghin centezmu, (€100,449.94), ghall-hlas ta’ pagi, salarji, *bonuses* u *manning* fees;

1.6 Illi *di piu`* b’ftehim separat ma dsatax (19) –il membru tal-ekwipagg tal-istess bastiment in dizamina, is-socjeta` rikorrenti giet awtorizzata tirkupra l-ammonti relatati mal-*Home Allotment* u *Contract Completion Bonuses* dovuti lill-membri tal-ekwipagg sad-data tar-rimpatriazzjoni;

1.7 Illi ghall-ghanijiet indikati fil-paragrafu precedenti, l-bastiment intimat ghandu jaghti lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ tmienja u erbghin elf, tmien mija erbgha u sittin Ewro u sitta u sittin centezmu, (€48,864.66), jew somma verjuri;

1.8 Illi ghalhekk is-somma komplessiva dovuta mill-bastiment intimat lis-socjeta` estera rikorrenti hu ta’ mija u disa` u erbghin elf, tlett mija u erbghatax –il Ewro u sittin centezmu, (€149,314.60);

1.9 Illi ghalkemm interpellat, il-bastiment intimat baqa` inadempjenti;

1.10 Illi ghaldaqstant, aderixxa din il-qorti biex din:

1.10.1. Tiddikjara l-bastiment intimat fuq riferit hu debitur tas-socjeta` estera rikorrenti fuq riferita fl-ammont komplessiv ta’ mija u disa` u erbghin elf, tlett mija u erbghatax –il Ewro u sittin centezmu, (€149,314.60), kif fuq indikat;

1.10.2. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Tirrileva li il-bastiment intimat gie debitament notifikat skont il-ligi;

3. Illi nonostante d-debita notifika, il-bastiment intimat baqa` fi stat ta’ kontumacja;

4. Illi jigi rilevat li ghalkemm l-istess bastiment inghata l-opportunita`jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu skont il-ligi, fit-terminu lilhu indikat, xorta baqa` inadempjenti;

5. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

6. Semghet ix-xhud prodott;

7. Stante li ma jezisti l-ebda kontradittorju u m'hemm l-ebda raguni ghaliex m'ghandiex temmen il-versjoni puramentata tar-rikorrenti nomine, din il-qorti tqis li l-istess rikorrenti nomine ipprova il-kaz tieghu skont il-ligi;

DECIDE:

8.0. Illi ghaldaqstant tqis li r-rikorrenti nomine ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

8.1. Tiddijara li l-bastiment intimat fuq riferit hu debitur tas-socjeta` estera rikorrenti fuq riferita fl-ammont komplessiv ta' mija u disa` u erbghin elf, tlett mija u erbghatax –il Ewro u sittin centezmu, (€149,314.60);

8.2. Tikkundanna lill-istess bastiment intimat ihallas is-somma komplessiva hekk likwidata lir-rikorrenti nomine fuq riferit;

8.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-bastiment intimat *de quo*.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------